# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Jannar 2007 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Frar 2007 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Marzu 2007 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' April 2007 fil-5.30p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 69 JANNAR 2007 JITQASSAM BLA ĦLAS



Fis-27 ta' Jannar 1990, fl-għeluq is-67 sena tagħha, Ġuża Mifsud qassmet diversi santi li fuqhom kien hemm miktub li tiżżi ħajr minn qalbha lil Ġesu, Marija u Ġużeppi li tawha dejjem l-akbar għajnuna fir-ruħ u fil-ġisem u li toffri t-talb tagħha għall-bżonnijiet ta' dawk kollha ta' rieda tajba li jixtiqulha li tibqa' taħdem għall-Konsagrazzjoni tad-dinja permezz tal-Madonna.

***Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2007 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.***

# IDDEFENDI L-UNUR T'ALLA MID-DAGĦA

Skond kif kienet tgħid Ġuża Mifsud, jidher li lejn l-aħħar tas-snin erbgħin damet ma' tliet ġimgħat tisma' leħen li kien jgħidilha biex tiddefendi l-unur t'Alla mill-vizzju tad-dagħa. Hi beżgħet għax ħasbet li dan kien frott l-immaġinazzjoni tagħha, u tgħid li dwar dan kienet marret tkellem lid-Diretturi Spiritwali tagħha li dak iż-żmien kienu l-Beatu Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca.

Ma waqfitx fil-kliem għax kitbet xi ħames ittri lill-Prim Ministru Sir Paul Boffa fejn ħeġġitu biex jgħaddi liġi kontra d-dagħa. Fost il-karti sofor biż-żmien u mħażża bil-lapis sibt dak li jidher li huma abbozzi ta' dawn l-ittri.

Hawn taħt ġbart dawn in-notamenti kollha flimkien u fost affarijiet oħra kienet kitbet:

"Għażiż Prim Ministru tagħna, iddefendi l-unur ta' Alla ħalli dan Alla jħenn għalina. Niftakru dan Alla kemm hu ħanin magħna il-Maltin. Dan il-ħsieb mhux minni ġej imma mill-kbir Alla.

Għalhekk sejra nitolbok bid-dmugħ f'għajnejja u bil-qalb tiegħi magħsura sabiex inti u l-Ministri tiegħek flimkien, tbierku u tfaħħru lil dan il-kbir Alla tagħna.

Irrid nitolbok sabiex ma' Monsinjur Arċisqof tingħaqdu t-tnejn flimkien sabiex tiddefendu lil dan il-kbir Alla tagħna. Għalhekk bil-qalb kollha jiena lilek sejra nitolbok sabiex dan Alla tagħna minnek jiġi indokrat... Nitolbok sabiex tieħdu ħsieb biex meta dan l-isem ta' dan Alla tagħna jissemma mhux kif inhu xieraq u sewwa, huwa minnek jigi ikkastigat.

Għażiż Prim Ministru tagħna, jiena ninsab tassew fqira u m'għandix rigali x'nibgħatlek, imma jiena sibt rigal x'nibgħatlek u ma sibtx isbaħ minnu dan ir-rigal. U hawnhekk inkompli il-kelmiet fqajrin tiegħi. Nitolbok sabiex dan Alla minnek ikun imfaħħar: *Verbum dei caro factum est.*

Għażiż Prim Ministru tal-poplu Malti, jiena nibgħat inselli għalik ħafna u għall-familja tiegħek kollha u l-barka ta' Alla tinżel fuq il-familja tiegħek kollha.

Għażiż Prim Ministru tagħna, jiena sejra nibgħat ingħidlek dawn il-kelmiet. Isma' ħa ngħidlek, għamilt tassew liġijiet sbieħ, imma għad baqagħlek liġi oħra x'tagħmel. Għażiż Prim Ministru tagħna, għaliex ma tridx tiddefendi l-unur t'Alla? Nitolbok sabiex tiddefendi l-unur ta' dan Alla u fil-għases tiegħek u fil-ħitan ta' Malta kollha ikteb sabiex dan l-isem tant sabiħ ma jiġix imkasbar imma jiġi mfaħħar.

Faħħar u bierek lil dan Alla u eqred darba għal dejjem dan id-dagħa li jinsab fil-gżira tagħna Malta. Viva Ġesù u viva Marija."

Ġuża tgħid li meta kienet qegħda tattendi għall-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla li kien sar f'Raħal Ġdid fil-5 ta' Ġunju 1949, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien ħabbar li l-liġi kontra d-dagħa kienet saret.

Kienu diversi d-drabi li Ġuża tkellmet kontra d-dagħa waqt il-laqgħat li kienet torganizza fil-Girgenti. Fil-laqgħa ta' Ġunju 1991 u li kienet organizzata flimkien max-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, inqara messaġġ imħejji minn Ġuża fejn qalet



li kellha viżjoni ta' persuna li kien miet xi snin qabel u li dan qalilha, "Għidilhom ħafna illi l-kawża tiegħi ta' dan iż-żmien li jiena kont imċaħħad mill-preżenza tal-belt imqaddsa t'Alla huwa d-dagħa. Jiena ma kelli ebda vizzju ieħor. Kont bniedem kif irid Alla, biss kelli dan il-vizzju ikraħ tad-dagħa. Dak ġibidni ħafna l-isfel, 'il bogħod minn Alla għax meta kont nidgħi kont nidgħi minn qalbi. Kompli ppriedka fuq id-dagħa. Ħalli bil-miktub... li dan id-dagħa mhux biss jisħet il-persuna li tkun tidgħi, imma tisħet il-familja, tisħet it-triq fejn tkun toqgħod u tisħet anka r-raħal u l-inħawi tiegħu. Għax id-dagħa pprojbit minn Alla, ma jridux Alla. Il-bniedem li jinfexx u jisfoga fuq id-dagħa, ma jieħu xejn minnu. Qisek qed tagħmel vendikazzjoni direttament lil Alla... Issa naf kemm hu ikraħ id-dagħa! Dawk in-nies li jidgħu veru li jneħħu kull preżenza t'Alla minn quddiem għajnejhom biex jaqgħu f'dan il-vizzju baxx u ikraħ..."

F'messaġġ ieħor irrekkordjat f'Ġunju 1988, Ġuża tgħid li Ġesù qalilha, "Binti agħmel kuraġġ ħalli dak id-dagħa jinqata'. Dagħa mhux biss bl-Ostja imma jidgħu b'Missieri, dak it-teżor kbir li hemm fis-sema, jidgħu bija, bil-qalb tiegħi, jitkellmu ħażin bl-Omm tiegħi. Lil Omm tiegħi qegħdin jagħtuha dawk it-titoli ħżiena, lanqas lill-agħar mara li hawn fid-dinja ma jagħtuha titoli ħżiena bħalma qegħdin jagħtu lil din il-mara divina li tant għamlet għad-dinja. Permezz tagħha Jiena ġejt fid-dinja imma hi qed tirċievi tant affarijiet koroh, affarijiet li jweġġgħulha qalbha, ifarrkulha qalbha għax minflok ma jgħidulha grazzi jibdew jitkellmu u jidgħu kemm jifilħu biha..."

F'messaġġ ieħor irrekordjat minn Ġuża fis-snin tmenin hija qalet, "Kemm jisgħobbini meta nisma' dak il-kliem kontra l-Mulej, kontra l-Madonna. Il-Mulej qed juża ħafna prudenza ma' dawn in-nies, imma mbagħad x'ħin jasal il-ħin tal-ġustizzja mqaddsa Tiegħu ikun hemm wisq biża' fuqhom. Għalhekk minn issa għandhom iħejju ruħhom biex iżommu lsienhom nadif u jeħilsu mill-mishut vizzju ikraħ tad-dagħa, għax dan id-dagħa qiegħed iġib ħafna saħta kbira fuq id-dinja kollha speċjalment fuq artna, ta' Malta u Għawdex...

Għax ma naqbdux dik il-kelma ta' glorja, mħabba u tifħir lis-sema adorabbli t'Alla milli nibqgħu sejrin korotti lejn dan il-mishut vizzju tad-dagħa."

Huti, nilqgħu l-appell ta' Ġuża meta qaltilna, "Nobdu lill-Mulej, nobdu lill-Madonna u mhux ninfexxu f'dawka l-affarijiet koroh tad-dagħa, imma ninfexxu nfaħħru lill-Mulej kull ħin u kull mument... Induru favur il-Mulej b'ħafna tifħir u ngħidulu: It-tifħir nagħtuk, Mulejja..... ismek jikber u jitgħolla..."

Fl-aħħarnett f'messaġġ ieħor Ġuża tgħid li l-Madonna qaltilha, "Binti, bħala appostlu li qabbdek il-Mulej biex taħdem kontra d-dagħa... kompli għid dina t-talba biex tpattu għall-bżonnijiet ta' dawk li ma jemmnux, ma jadurawx, ma jħobbux u ma jservux u ma jqimux lill-Mulej kif suppost..."

**Alla tiegħi, jiena nemmen fik, jiena nadurak, jiena nittama fik, jiena nħobbok. Nitlob il-maħfra tiegħek għal dawk li ma jemmnux fik, ma jadurawkx, ma jittamawx fik u ma jħobbukx.**

Sylvana Spiteri LL.D.

# L-ASSEMBLEA ĠENERALI

L-Assemblea Ġenerali li tiltaqa' kull tliet snin sabiex taħtar kumitat ġdid saret waqt il-laqgħa ta' talb tad-17 ta' Settembru 2006 fil-Girgenti.

Wara li ntqal ir-rużarju u t-talba tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, inqraw il-minuti ta' l-Assemblea Ġenerali ta' qabel li kienet saret fil-21 ta' Settembru 2003. Imbagħad il-President tal-Kumitat, il-Perit Philip Azzopardi, qara r-rapport amministrattiv li fih ta dettalji dwar il-ħidma tal-Kumitat fis-snin 2003 sa 2006. Wara kien imiss lil Ms. Rose Piccinino, il-Kaxxiera tal-Moviment, li qrat ir-rapport finanzjarju għall-istess perjodu.

Peress li tefgħu in-nomina tagħhom għaxar persuni, kif stabilit fl-istatut, ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir elezzjoni. Issejjħu dawn l-għaxar persuni u ġew milqugħa b'applaws ta' approvazzjoni minn dawk preżenti. Dawn kienu l-Perit Philip Azzopardi, Charles Catania, Doris Catania, Carmen Garzia, Kolina u Rosario Psaila, Alfred Micallef, Rose Piccinino, Dr. Sylvana Spiteri u Louis Xuereb.

Il-laqgħa mbagħad kompliet biċ-ċerimonja tal-qanpiena u talb ieħor.

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid saret nhar il-Ħamis 5 ta' Ottubru. Fil-bidu tal-laqgħa Philip Azzopardi, Sylvana Spiteri u Rose Piccinino ġew rikonfermati bħala President, Segretarja u Kaxxiera rispettivament.

Il-Kumitat il-ġdid filwaqt li jirringrazzja lil dawk kollha li wrew il-fiduċja tagħhom fih jixtieq ukoll jirringrazzja lis-Sur Vincent Cassar għas-sehem tiegħu fis-snin preċedenti.

Nitolbu lkoll għal dan il-Kumitat sabiex jaħdem bis-sħiħ għall-akbar glorja tal-Mulej u sabiex is-sigra li ħawlet Ġuża Mifsud għad-unur ommna Marija tkompli tikber u tagħti frott bnin.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**M. Caruana mill-Imtarfa kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti qlajt din il-grazzja. Madwar disa' xhur ilu nfetħiltli ferita kbira u fonda f'sieqi tax-xellug. Mort għand il-Professur fis-27 ta' Awissu 2005 u qalli li jekk m'iniex ser nieħu ħsiebha ser jaqtgħuli subajja l-kbir u mbagħad sieqi kollha. In-nurses għamluli t-trattament u fl-istess ħin jien kont nitlob ħafna lill-Madonna tal-Girgenti. Wegħedha li jekk infieq nitla' ninvistha, ntellagħlha x-xemgħa u ngħidilha ħmistax-il posta rużarju. Filfatt hekk għamilt nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2006.

**J. Grioli mill-Belt Valletta kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. It-tifla tiegħi Stella tbati mill-marda tal-lupus u kellha uġigħ kbir fi spallejha. Meta tkellmet mat-tabib dan qalilha li x'aktarx ikollha tagħmel operazzjoni fi spallitha. Jiena tlabt għaliha lill-Madonna tal-Girgenti, saret biss biopsy fl-ispalla u l-operazzjoni ma saritx.

**N.N. miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Kitbet li kellha d-deni li ma ried jinżel b'xejn u sogħla li ma ħallithiex torqod. Ħadet xi pilloli u fl-aħħar iddeċidiet li tixrob ftit ilma minn tal-Girgenti. Ftit wara s-sogħla bdiet ittaffi, d-deni beda nieżel u raqdet.

**C. Attard minn Ħal-Qormi** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Tgħid li kienet muġugħa ħafna, saret għadma u ġilda u kellha bżonn ta' operazzjoni f'daharha. Talbet ħafna u fil-ġimgħa tad-Duluri meta kienet qegħda tistenna l-fuljett tal-knisja rat fuljett tal-Girgenti għall-ewwel darba.

Fetħitu u bdiet tgħid it-talba ta' interċessjoni li hemm fil-fuljett. L-għada l-Ġimgħa, jum id-Duluri, ċemplitilha l-Professur u qaltilha biex is-Sibt tidħol l-isptar sabiex il-Ħadd tiġi operata. Meta kitbet il-grazzja kienu għaddew xagħrejn mill-operazzjoni u tiddikjara li l-operazzjoni kienet suċċess.

**C. Camilleri minn B'Kara** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.

**N.N. minn Ħaż-Żabbar kitbet hekk:** Jiena nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud u ta' Ommna Marija Santissima qlajt din il-grazzja: It-tifel tat-tifel tiegħi għandu ħames snin u għal dawn l-aħħar sentejn konna noħduh għand il-Professur Fearne minħabba problema fil-kilwa. Xi xahar u nofs ilu l-istess Professur għamillu operazzjoni żgħira bil-patt li jekk din ma tirnexxix ikun irid jagħmel operazzjoni oħra żgħira u jekk terġa' ma tirnexxix ikun irid jagħmel oħra kbira ħafna. Hareġ ir-riżultat mediku u għall-grazzja ta' Alla rriżulta li l-ewwel operazzjoni kienet ta' suċċess u għaldaqstant ma hemmx bżonn jagħmel operazzjonijiet aktar. Ta' dan mill-ġdid nirringrazzja lil Alla.

**N.N minn Raħal Ġdid kitbet hekk:** Nirringrazzja lil-Ħniena Divina ta' Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud qlajt grazzja li għalija hija kbira ħafna. Il-mara ta' ibni kellha tqala diffiċli, speċjalment lejn l-aħħar meta nqalgħu ħafna kumplikazzjonijiet. Wara ħafna talb lill-Madonna, hija welldet tarbija u kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid. Grazzi Mulej, grazzi Marija, grazzi Ġuża.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti, il-qalb ta' Ġesù u l-qaddisin kollha. Tgħid li qalgħet grazzja kbira u ħelset minn



ħafna nkwiet.

**M. Calleja minn B'Kara kitbet hekk:** Inrodd ħajr lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Ġuża Mifsud li dejjem tinterċedi għalija quddiem il-Mulej u l-Madonna. Xi xagħrejn ilu ffjammatli għadsa. It-tabib tiegħi ma refax ir-responsabiltà tagħha u bagħtni għand speċjalista tal-ġilda. Jiena tlabt ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud. Il-grazzja qlajtha għax l-ispeċjalista qalli li ma hemm xejn gravi.

**N.N. minn San Ġwann kiteb hekk:** Dan l-aħħar qlajt grazzja kbira wara li jiena tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud. Kien ilni tliet snin infittex xogħol iżda kien kollu għal xejn. Għalkemm kont smajt bil-Girgenti iżda kien biss dan l-aħħar li ltqajt mal-website tagħkom kif ukoll rajt programm fuq it-television dwar Ġuża Mifsud u d-dehriet tal-Madonna. Tlabt lill-Madonna bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud biex issibli xogħol. Ftit wara kelli risposta posittiva, kont sibt xogħol. Jiena nemmen bis-sħiħ li għalkemm kont għamilt ħilti biex insib xogħol, kieku ma' kienx l-intervent tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, kieku għadni bla mpjieg.

**Il-familja Trapani Galea minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla għal diversi grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.